

Parti fil-kawża prinċipali

QB (*)

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, dwar vjeġġi ta' skart ⁽¹⁾, moqri flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007, tad-29 ta' Novembru 2007, li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti intrakonfinali tal-iskart ma tapplikax ⁽²⁾, għandhom jiġu interpretati fis-sens li teżisti projbizzjoni ta' trasferiment, lejn il-Libanu, ta' skart mill-grupp ta' skart B 1120 tal-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel, tat-22 ta' Marzu 1989, fuq il-kontroll tal-moviment transkonfinali ta' skart perikoluż u tar-rimi tagħhom?

⁽¹⁾ ĠU L 190, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 316, p. 6.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2010 — Il-Kummissjoni Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika**(Kawża C-410/10)**

(2010/C 288/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg***Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Karanasou-Apostopoulou u G. Braun)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li, billi ma adottatx jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikatx lill-Kummissjoni l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2007/36/KE fis-sistema legali nazzjonali skada fit-3 ta' Awwissu 2009.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Prato (l-Italja) fit-18 ta' Awwissu 2010 — Proċeduri kriminali kontra Michela Pulignani, Alfonso Picariello, Bianca Cilla, Andrea Moretti, Mauro Bianconi, Patrizio Gori, Emilio Duranti, Concetta Zungri**(Kawża C-413/10)**

(2010/C 288/40)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Qorti tar-rinviju**

Tribunale Ordinario di Prato.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Michela Pulignani, Alfonso Picariello, Bianca Cilla, Andrea Moretti, Mauro Bianconi, Patrizio Gori, Emilio Duranti, Concetta Zungri

Domandi preliminari

(1) Il-leġiżlazzjoni Taljana li tittratta l-ġbir ta' mħatri stabbilita fl-Artikoli 4 tal-L. Nru 401/89 u 88 tad-D. R. Nru 773/31, kif emendati bl-Artikoli 37(4) u (5) tal-L. Nru 388 tat-23.12.2000, 38 tad-D.L. Nru 223/06 u bl-Artikolu 23 tal-abbozz ta' ftehim ippubblikat fil-ĠUKE tat-30.08.2006, hija kompatibbli mal-Artikoli 43 u 49 tat-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione (l-Italja) fit-23 ta' Awwissu 2010 — Ministero dell'Economia e delle Finanze, Agenzia delle Entrate vs 3 M Italia Spa**(Kawża C-417/10)**

(2010/C 288/41)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Qorti tar-rinviju**

Corte Suprema di Cassazione (l-Italja)